# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 387/2014**

Il-Pulizija

vs

**Wayne Buttigieg**

iben Joseph, imwieled Pieta', fil-25 ta' Settembru, 1979, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 485279(M)

Illum, 9 ta' Ottubru, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Wayne Buttiegeg quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli f'dawn il-Gzejjer fit-30 ta' Marzu 2013 u matul is-sebgha (7) xhur ta' qabel din id-data:-

1. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokaina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lill-persuna jew persuni minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, u minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292 ta' l-1939), jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta, li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-

pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern, skont id-disposizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja jew kien xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-Regolamneti tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292 ta' l-1939) ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoi mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern, skont id-disposizzjonijiet tar-raba' u tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292 ta' l-1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanaza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Il-Qorti giet mitlub titratta mal-imputat bhala wiehed li kiser kundizzjoni mposta fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) preseduta mill-Magistrat Dr. M. Hayman LL.D., nhar is-sitta (6) ta' Mejju elfejn u ghaxra (2010).

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra mill tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-3 ta' Ottubru, 2014 fejn il-Qorti wara li
li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta u ir-Regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-artikolu 17(h) tal-Kap. 9 u l-artikolu 23

tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni, sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u kkundannatu ghal piena ta’ **ghaxar (10) xhur prigunerija effettiva** u **multa ta’ disa’ mija u hamsin Euro (€950).**

Il-Qorti ma trattax mal-hati dwar il-ksur tal-kundizzjoni mposta fuqu permezz tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-6 ta’ Mejju 2010.

Stante illi ma gewx mahtura esperti f’dawn il-proceduri, il-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tordna lill-hati jhallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti gibdet l-attenzjoni tad-Direttur tal-Habs illi huwa ferm importanti illi l-hati jinghata l-kura u l-ghajnuna kollha necessarja sabiex ikun jista’ jibqa’ hieles mid-droga u li kemm il-darba dan ikun possibbli, huwa jinghata l-opportunita` illi jsegwi programm ghar-rijabilitazzjoni tieghu mill-vizzju tad-droga.

Il-Qorti ordnat d-distruzzjoni tad-droga u/jew l-affarijiet relatati mal-abbuz tad-droga, Dokument JF, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta’ din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Ordnat ir-rilaxx tal-*mobile phone* esebit fl-atti bhala Dokument JF 2 favur il-hati.

Rat ir-rikors tal-appellant Wayne Buttigieg tat-8 ta’ Ottubru, 2014 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali, b’sentenza moghtija nhar it-tlieta (3) ta’ Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (2014) f’dik il-parti biss fejn il-Qorti tat il-piena ta’ prigunerija effettiva ta’ ghaxar (10) xhur u tirriformaha billi taghti piena ta’ sentenza mhux karcerarja jew piena anqas harxa skont ic-cirkostanzi li jirriflettu dana l-kaz u tikkonferma fejn hemm liberazzjoni.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi l-esponenti, meta kien gie avvicinat mill-Pulizija kien ikkolabora bis-shih mal-istess Pulizija, hekk kif xehed l-istess Spetter Johann J.Fenech li huwa l-istess ufficjal prosekutur, u kien biss ghan-nuqqas min-naha tal-Pulizija li ma kienx sar l-arrest.

Illi fit-testimonjanza tieghu quddiem il-Qorti tal-Magistrati, l-Ispettur Fenech qal li wahda mir-ragunijiet ghalfejn meta wiehed kien mar biex javvicina l-persuna li fornit id-droga ma setghax jigi avvicinat minhabba l-*gate* tal-villa (jew dar) fejn dana kien joqghod.

Illi bir-rispett kollu ma nahsibx illi huwa l-kaz li l-pulizija *di norma* jsibu ostaklu fuq *gate* u barra minn hekk mit-testimonji li hargu setgha kien hemm modi ohra li wiehed setgha javvicina l-persuna li semmgha l-imputat.

Illi ghaldaqstant, ir-rikorrenti jhossu aggravat bis-sentenza *stante* li tali arrest ma sarx mhux minhabba xi haga imputabli lilu pero' minhabba xi raguni jew xi nuqqas imputabli lill-Pulizija.

Illi ir-rikorrenti ilu *clean* ghal diversi snin, hadem sabiex jibni u jzomm il-familja maghquda hekk kif jidher wkoll mill-*pre-sentencing report*, ghandu xoghol fiss u sejjer tajjeb u ghaldaqstant il-pieni karcerarja zgur li tkun ta' detriment ghal dak kollu li rnexxilu jakkwista bil-hila tieghu ir-rikorrenti.

Illi l-appellanti jkompli jsostni illi huwa kellu jibbenefika minn riduzzjoni ta' piena a tenur ta' l-artikolu 29 ta' Kap 101, tal-Ligijiet ta' Malta stante li kien ipprovat illi huwa kien ikkolabora bis-shih mal-Pulizija u li l-fatt li ma kienx sar l-arrest zgur li ma kienx imputabbli lillu.

Illi l-artikolu 29 ta' Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi testwalment :-

**"Meta dwar persuna misjuba hatja ta' reat kontra din l-Ordinanza, il-prosekuzzjoni tiddikjara fil-process li dik il-persuna tkun ghenet lill-Pulizija biex taqbad lill-persuna jew lill-persuni li jkunu pprovdewlha l-medicina, jew il-persuna misjuba hatja kif intqal qabel tipprova ghas-sodissfazzjon tal-Qorti li tkun hekk ghenet lill-Pulizija, il-piena titnaqqas dwar prigunerija, bi grad wiehed jew tnejn, u dwar peina pekunjarja, b'terz jew b'nofs".**

Illi fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet "Ir-Repubblika ta' Malta vs Anna Spiteri" datata l-10 ta' April, 2014 il-Qorti rriteniet illi:-

*Huwa ovvju li hawnhekk il-ligi qed tipprospetta zewg possibilitajiet: l-ewwel wahda meta l-prosekuzzjoni stess tiddikjara fil-process illi dik il-persuna tkun qed titlob l-applikazzjoni ta' l-artikolu 29 tkun ghenet lil Pulizija biex taqbad lill-persuna jew lill-persuni li jkunu pprovdewla l-medicina, u t-tieni kaz, fl-assenza ta' tali dikjarazzjoni, l-istess persuna misjuba hatja, tipprova*

*ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li tkun hekk ghenet lill-Pulizija. F'kaz wiehed jew l-iehor, l-artikolu 29 jipprovdi ghat-tnaqqis tal-piena billi fir-rigward ta' prigunerija din titnaqqas bi grad wiehed jew tnejn, fir-rigward ta' piena pekunjarja b'terz jew f'nofs.*

*….ikkunsidrati l-fattispecje kollha tal-kaz, din il-Qorti sejra tnaqqas il-peina bi grad.*

Illi l-appellanti jhossu aggravat stante li l-kolaborazzjoni tieghu kienet mill-bidu billi ta' l-informazzjoni kollha lil l-ispettur u kif xehed l-ispettur stess fuq il-pedana quddiem l-ewwel Qorti l-akkuzat kien ghen bis-shih lil Pulizija u ikkolabora.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi dan l-appell hu dwar l-erogazzjoni tal-piena mill-ewwel Qorti li fil-fehma tal-appellant hi wahda eccessiva.

Illi fil-fehma tal-appellant l-ewwel Qorti kellha tapplika l-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, haga li skont il-fehma tal-ewwel Qorti ma setghetx taghmel. Ma danakollu fil-korp tas-sentenza l-ewwel Qorti stqarret li ghalkemm mhiex ser tapplika l-artikolu 29, hawn fuq imsemmi, ghal fini ta' piena kienet qeghda tiehu kont tal-ko-operazzjoni shiha li wera l-appellant matul l-investigazzjoni mal-pulizija.

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti x-xhieda tal-Ispettur Johann J Fenech uriet bic-cara li l-appellant ikkopera bi shih mal-pulizija. Mhux talli hekk izda qal lill-ispettura l-isem u il-kunjom tal-fornitur tieghu, kif ukoll forna l-indirizz tieghu. Ma saret ebda 'controlled delivery' mhux ghax ma riedx l-appellant izda ghaliex il-fornitur beda jkollu suspett fl-appellant. L-ufficjal prosekutur informa lill-ewwel Qorti li kien hemm diffikulta' ogggettiva biex il-fornitur jinqabad

ghaliex dan il-fatt kien jirrikjedi certu tip ta' 'surveillance' li ma saritx. Fic-cirkostanzi bhal dawn hu car li l-artikolu 29 ghandu jigi nterpretata b'manjiera wiesa li ghandha tmur favur l-appellant. Wiehed ma jistax jippretendi li jekk il-pulizija ma tistax jew ma ghandhiex il-mezzi biex tidhol fid-dar tal-fornitur allura din tigi konsiderata bhala ghajnuna mhux effettiva li l-appellant ghin sabiex jinqabad dan it-traffikant. Hu car li l-ewwel Qorti kellha tapplika l-artikolu 29 u din il-Qorti ser tapplika dan l-artikolu fl-erogazzjoni tal-piena.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti qed tilqa' l-appell ta' Wayne Buttigieg. Tikkonferma s-sentenza appellata fil-meritu. Dwar il-piena thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tikkundanna lill-appellant ghal piena ta' sitt (6) xhur prigunerija u ghal hlas ta' multa ta' sitt mitt euro (€600). Il-Qorti tikkonferma r-rakkomandazzjoni tal-ewwel Qorti ghal kura u ghajnuna lill-appellant.